# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 9 ta' Novembru 2023**

**Rik. Gur.Nru.: 510/2023 JPG**
**Kawza nru.: 20**

**Dr. Natalia Camilleri bħala mandatarja ta' DC**
**U**
**LC li prezentament huma it-tnejn assenti minn Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 26 ta' Settembru 2023 a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti iżżewġu nhar is-sittax t'April tas-sena elfejn u għaxra (16/04/2010) gewwa l-Belt Valletta, iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala* ***DokDC1*** *b'reġistrazzjoni numru 270/2010.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet VC nhar X.*

3. *Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl- Atti tan-Nutar Dr Mark Anthony Sammut Sassi nhar il-wieħed u tletin Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (31/07/2023) kopja tiegħu anness u mmarkat bħala* ***Dok DC2.***

4. *Illi m' hemm l- ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il- partijiet stante illi llum il-gurnata il-partijiet huma legalment isseparati u li llum il-gurnata għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

5. *Illi l- partijiet fl- istess kuntratt ta' separazzjoni kienu rrinunzjaw reċiprokament mid-dritt li jirċievu jew jitolbu manteniment minn xulxin.*

6. *Illi l-esponenti DC qegħdha tħallas b'mod regolari l-manteniment versu t-tifla l-minuri VC u ċioe l-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) fix-xahar skont kif ġie maqbul fl-istess kuntratt ta' separazzjoni u m'hemm l- ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

7. *Illi dawn il- fatti fuq imsemmija jissodisfaw il- kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall- ksib tad-divorzju skont l- Artikolu 66B tal- Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta kif emendati bl- Att XXV tal- 2021.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l- esponenti umilment jitolbu lil din l- Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti li ġie ċċelebrat nhar is-sittax t'April tas-sena elfejn u għaxra (16/04/2010) huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.*

2. *Tordna lir- Reġistratur tal- Qorti sabiex entro t-terminu iffissat mill- istess Qorti jinnotifika lid- Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DC xehed** (vide affidavit fol 14) illi l-partijiet izzewgu nhar is- 16 ta' April 2012, u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minorenni. Sostna illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut Sassi datat nhar il-31 ta' Lulju 2023 izda iddikjara illi ilhom jghixu separatament minn Marzu 2020. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**LC xehdet** (vide affidavit fol 15) u kkonfermat u kkorraborat x-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu***

***mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 t'April 2010, liema zwieg jgib certifikat numru 270/2010 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali,

ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Mark Anthony Sammut Sassi nhar il-31 ta' Lulju 2023 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 270/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**